Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 371/2014: DR KONRAD MIZZI (ID. 521577M) V. DR SIMON BUSUTTIL

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - EXCEPTIO VERITATIS – PROVA TAL-VERITA' – KAP. 248 ART. 12 – FAIR COMMENT - KUMMENT ĠUST)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Dr. Konrad Mizzi ("ir-rikorrent") ippreżentat fit-13 ta' Novembru 2014,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' George Pullicino ("l-intimat") ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2014,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-31 ta' Ottubru 2019,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrent, mill-Avukat Dr. Aron Mifsud Bonnici
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Peter Fenech

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Id-dikjarazzjonijiet mertu ta' din il-kawża saru mill-intimat waqt il-programm Dissett li xxandar fuq l-istazzjon nazzjonali fis-6 ta' Novembru 2014 fil-kuntest tar-*racket* ta' tbagħbis ta' *smart meters* fost u minn impjegati tal-Enemalta liema *racket* kien ġie skopert u mkisser fix-xhur ta' qabel wara li l-Enemalta kienet skopriet mal-elf *smart meter* imbagħbas b'telf ta' tletin miljun euro fis-sena. Ir-rikorrenti (dak iż-żmien Ministru) kien ħabbar ukoll permezz ta' konferenza stampa u diskors parlamentari fi Frar 2014 illi kienu ġew sospiżi numru ta' ħaddiema tal-Enemalta u li l-każ ġie riferut lill-Pulizija Eżekuttiva sabiex jittieħdu passi kriminali fil-konfront ta' dawn l-impjegati.

2. Din is-sejba wasslet għall-prosekuzzjoni u sejbien ta' ħtija ta' numru konsiderevoli ta' ħaddiema (inkluż *installers*) kif ukoll konsumaturi matul ix-xhur u snin sussegwenti. Naturalment il-każ qajjem kontroversja politika kbira u bħal ma' jiġri ta' spiss il-*media* spiċċat "l-arena tal-ġlied" bl-esponenti ewlenin taż-żewġ partiti ewlenin jkunu l-protagonisti. Fost affarijiet oħra beda jiġi allegat li persuna viċin ħafna tal-Ministru, ċertu Louis Attard, allegatament wieħed mill-*masterminds* wara dan l-iskandlu, kien ibbenefika minn trattament preferenzjali meta nħarġu l-akkużi kontrih sabiex b'hekk jeħel inqas minn impjegati oħra illi tressqu ukoll il-Qorti. Din il-persuna ġiet deskritta bħala l-widna tal-Ministru u bħala li ġie mogħti kariga ta' *Liaison Officer* fl-Enemalta kif ukoll promozzjoni u *allowance* mingħajr anqas biss kienet ħarġet sejħa.

3. Fl-14 ta' Frar 2014, il-gazzetta "In-Nazzjon" ippubblikat artiklu prominenti fuq il-faċċata sħiħa ta' quddiem bit-titolu "***Skandlu minn persuna qrib Konrad Mizzi***" biswit ritratt tal-istess Ministru. [1] L-artiklu kellu sottotitoli prominenti li jaqraw "*Louis Attard huwa meqjus bħala l-vuċi tal-Ministru fid-distrett fuq issues bħal twaħħil ta' bozoz*" u "*Inħatar bħala liaison mal-Ministeru u ġie mogħti promozzjoni u allowance direttament mingħajr ebda' sejħa*".

4. Fil-21 ta' Frar 2014, il-Membru Parlamentari Beppe Fenech Adami waqt xandira tal-programm "Dissett" fuq l-istazzjon nazzjonali TVM fost oħrajn qal fost oħrajn is-segwenti diskors: "*Għandu x'jiddefendi ruħu I-Ministru Konrad Mizzi. Issa jiġi hawnhekk u jgħidilna kif persuna Ii għażel hu bħala liaison Officer bejnu u bejn l-Enemalta, il-widna tiegħu fl-Enemalta, il-persuna maħtura minnu, il-persuna Ii mar għaliha u poġġieha hemmhekk, hija waħda mill-persuni maqbuda f'din ix-xibka ta' korruzzjoni. Għandu x'jiddefendi ruħu l-Gvern u jiġġustifika kif wara battalja kontra I-*

[1] Fol. 2

*korruzzjoni, naqbdu lil min hu korrott, naqbdu lil min hu kompliċi fil-korruzzjoni u flok nieħdu passi kontrih, noħdulu b'idejh, ngħidulu kważi prosit, intuħ kważi parir legali u nħalluh jitlaq free.*"

5. Ftit xhur wara, fis-6 ta' Novembru 2014, waqt programm ieħor ta' Dissett fuq ix-xandir nazzjonali, il-Kap tal-Opposizzjoni ta' dak iż-żmien Simon Busuttil, l-intimat f'dawn il-proċeduri qal *inter alia* hekk: *"Nippretendi Ii l-Pulizija jagħmlu xogħolhom sew. Nippretendi Ii jagħmlu xogħolhom sew. Mhux kif għamlu fil-każ ta' Louis Attard Ii huwa viċin hekk ta' Konrad Mizzi illi jtellgħuh il-qorti fuq serq tal-elettriku mill-Enemalta meta huwa uffiċjal tal-Enemalta, b'akkużi inqas minn dak illi tellgħu Iil ħaddieħor. Mela skużi, ghax xi ħadd huwa viċin Konrad Mizzi ittellgħu il-qorti fuq serq tal-elettriku b'akkużi inqas biex jeħel inqas minn ħaddieħor"*

6. Fl-istess ġurnata ukoll, waqt konferenza stampa li saret fid-Dar Ċentrali tal-Partit Nazzjonalista, il-Membru Parlamentari George Pullicino qal fost oħrajn: "*Jaf il-Ministru Konrad Mizzi Ii dan ifisser Ii saret preferenza ma' dan l-uffiċjal tal-Enemalta? Jaf il-Ministru Konrad Mizzi Ii b'hekk ħa titnaqqaslu l-piena għaliha u mhux bi ftit se titnaqqaslu? Jaf il-Ministru Konrad Mizzi Ii dan jista' jkun każ ta' korruzzjoni u li dan il-każ sar biex nuża l-istess terminoloġija Ii jħobb juża l-Ministru Konrad Mizzi 'under his watch'?"*

7. Ir-rikorrenti ħassu malafamat f'dawn l-erba' istanzi u fetaħ erba' kawżi separati kontra Alex Attard bħala l-editur tal-gazzetta "In-Nazzjon" (rikors numru 50/2014), Beppe Fenech Adami (rikors numru 65/2014), Simon Busuttil (rikors numru 371/2014) u George Pullicino (rikors numru 372/2014) liema kawżi ġew assenjati kollha lil din il-Qorti diversement presjeduta. Għalkemm dawn il-kawżi mhux dejjem imxew flimkien, fl-14 ta' Marzu 2019 wara li ngħalaq l-istadju tal-provi l-partijiet kollha f'dawn il-kawżi ddikjaraw li kienu qed jaqblu illi l-provi kollha li nġiebu fl-istess kawżi għandhom japplikaw għall-kawżi kollha.

8. Din il-kawża titratta d-dikjarazzjonijiet li għamel l-intimat waqt il-programm "Dissett" li xxandar fis-6 ta' Novembru 2014. Fiż-żmien in kwistjoni l-intimat kien Membru Parlamentari u Kap tal-Opposizzjoni mentri r-rikorrent kien il-Ministru tal-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma. Dak iż-żmien l-istorja kienet diġà ilha xi disa' xhur li ħarġet liema storja kienet ta' interess nazzjonali u baqgħet tevolvi man mano fil-ġranet u fix-xhur sussegwenti.

9. It-traskrizzjoni tal-parti relevanti għal din il-kawża taqra kif ġej:

*"Simon Busuttil: Fi kwalukwe każ. Jien ma nagħmilx bħal dan il-gvern u nindaħal fil-kors tal-ġustizzja. Hemm il-kors tal-ġustizzja . . . jien nippretendi li l-Pulizija jagħmlu xogħolhom għaliex kemm George Pullicino u kemm Mizzi ħadu l-każ għand il-Kummissarju tal-Pulizija.*

*Reno Bugeja: Bagħatu għalik?*

*Simon Busuttil: Ippermettili . . . Nippretendi li l-Pulizija jagħmlu xogħolhom sew, nippretendi li jagħmlu xogħolhom sew. Mhux kif għamlu fil-każ ta' Louis Attard li huwa viċin hekk ta' Konrad Mizzi illi jtellghuh il-qorti fuq serq ta' elettriku mill-Enemalta meta huwa uffiċjal tal-Enemalta, b' akkużi anqas minn dak li tellgħu lil ħaddiehor. Mela skuzi, ghax xi ħadd huwa viċin Konrad Mizzi ittellgħu il-qorti fuq serq tal-elettriku b' akkużi inqas biex jeħel inqas minn ħaddiehor."*

10. Fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-23 ta' Frar 2015 ir-rikorrent xehed dwar għalfejn ħassu malafamat bil-kliem tal-intimat:

*"illi ghalkemm il-kontenut kollu huwa malafamanti partikolarment dak li intqal fit-tieni paragrafu. Nixtieq nghid illi anke l-ewwel paragrafu huwa malafamanti peress illi hemm allegazzjoni fuq indhil fil-kors tal-gustizzja. Nixtieq nghid illi s-Sur Attard ma hux vicin tieghi bl-ebda mod, kif qed jigi allegat, ma huwiex mid- Distrett tieghi. Jiena sibtu hemm hekk, u ma huwiex liaison officer kif qed jiġi allegat li hu. Nixtieq nghid illi promozzjonijiet u l-allowances li kienu inghataw lil Louis Attard u li spicca mbaghad sar tal-post jigifieri sar impjegat ta' l-Enemalta daka kienu saru inghatawlu fil-gvern precedenti taht il-Partit Nazzjonalista.*

*Jiena nhossni malafamat bil-kummenti ta' Dr Simon Busuttil ghax l-ewwel u qabel kollox qed jipprova jindika li Louis Attard huwa persuna vicin tieghi meta attwalment ma huwiex persuna vicin tieghi; u aktar serju minn hekk qed jipprova wkoll jindika u jallega li peress li Louis Attard huwa persuna viċin tieghi allura ittiehdu proceduri ferm anqas kontra tieghu u sabiex jagevolawh ghax vicin tieghi, liema fatti l-ebda minnhom ma huma minnhom. Jiena in fatti Louis Attard ma ghandi l-ebda relazzjoni mieghu.*

*Mitlub nghid fuq il-kors tal-gustizzja u dwar jekk jiena b' xi mod jew iehor involvejtx ruhi fuq dan il-kaz ta' serq ta' dawl : nghid illi jiena bl-ebda mod ma involvejt ruhi f' dan il-kaz u jew tkellimt mal-Pulizija dwar dan il-kaz. Jiena allura qieghed nichad kategorikament illi qatt jiena b' xi mod jew iehor stajt ghent lil Louis Attard kif qed jigi allegat..."*

11. Ir-rikorrent għalhekk talab lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni morali dovuti lilu ai termini tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta), bl-ammont ma' jeċċedix is-somma ta' ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€ 11,646.87).

12. L-intimat ippreżenta żewġ eċċezzjonijiet bl-ewwel waħda effettivament kompriża fi tnejn:

    1. – Id-dikjarazzjonijiet lamentati mhumiex libellużi u/jew malafamanti
    - Id-dikjarazzjonijiet ma' jirrappreżentawx fatti inveritieri
    2. Id-dikjarazzjonijiet jikkonsistu f'kummenti ġusti.

**Liġi applikabbli**

13. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' ftit inqas minn erba' snin wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

    '*l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar*'

14. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Il-verità tal-fatti**

*Il-liġi u l-każistika*

15. Din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taht waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

    1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

    2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

    3. *Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew*

4. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

16. M'hemmx dubbju illi r-rikorrent bħala, dak iż-żmien, Ministru u membru tal-kabinett, kien jaqa' minn tal-inqas taħt waħda mill-kategoriji msemmija u għalhekk din l-eċċezzjoni setgħet titqajjem fil-konfront tieghu. Jibqa' naturalment neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimat irnexxielux bil-provi li ressaq tul din il-kawża isostni din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis.*

17. Kif ingħad mill-awtur ċelebri John Clement Carpenter Gatley, awtorità' fil-liġi Ingliża fejn tidhol il-liġi tal-malafama (libelli u kalunji):

*"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"*[2]

18. Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("plea of justification") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet '**Brian Ebejer v. Dennis Degiorgio'** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li: "*irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li 'in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified'"*[3]

---

[2] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.
[3] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġna 86"*

19. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '**Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose' Herrera'** (ECLI:MT:AINF:2017:104601 deciza fit-30 ta' Jannar 2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset: *"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. 'A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages'".*

*Provi*

20. L-unika dikjarazzjoni li għamel l-intimat li tinvolvi lir-rikorrent hija dik li Louis Attard huwa viċin ħafna tar-rikorrent tant illi l-Pulizija tellgħuh il-Qorti fuq akkużi inqas serji biex jeħel inqas minn ħaddieħor.

21. Mix-xhieda mogħtija fil-kors ta' dawn il-proċeduri *inter alia* ħarġu l-provi segwenti dwar l-allegat qrubija bejn ir-rikorrent u Louis Attard:

    1. 09.05.2014 - **Roberto Cristiano**, Executive Director (Human Resources) fi hdan l-Enemalta xehed u pprezenta dokumenti in sostenn tax-xhieda tieghu, kif gej: *"Jiena nikkonferma li Louis Attard huwa impjegat ta' l-Enemalta u ilu impjegat maghha mis-16 ta' Mejju tat-2005 ... Fl-14 ta' Lulju 2010 eventwalment wara harga ghall-applikazzjoni ghal Head of Accounts kien gie appuntat Head of Account ta' l-Enemalta. U meta kien attwalment inghata l-post ta' Head of Accounts hu kellu kuntratt definit ta' tliet snin fil-post ta' Head of Accounts li kien allura jiskadi fl-14 ta' Lulju 2013. Izda fl-14 ta' Jannar 2013 hu nhargitlu ittra fejn gie dikjarat illi hu minn dak inhar kien ikkonsidrat bhala li kellu kuntratt indefinit. Jirrizulta illi xahar wara illi inghata l-post ta' Head of Account hu gie rilokat minn dak id-Dipartiment ghal gewwa l-commercial division fi hdan l-Enemalta... Illum il-gurnata minhabba f' kwistjonijiet f' investigazzjoni s-sur Attard jinsab sospiz, izda qabel ma kien sospiz hu zamm in-nomentatura ta' Head of Accounts izda peress illi l-commercial division eventwalment inghalqet huwa baqa' bhala Head of Accounts fi hdan il-contracts unit ta' l-Enemalta... nerga' nikkonferma illi promotions ma inghatax, allowance ma inghatax, u ma nhatarx bhala Liaison mal-Ministeru. Nghid ukoll illi dwar il-kwistjoni ta' bozoz dina hemm sistema li tigi adoperata mal-Kunsilli Lokali fejn ir-rapport isir l-Kunsill Lokali u l-*

*Kunsill Lokali eventwalment jirrapporta lill-Enemalta sabiex jitwahhlu l-bozoz jew jigu rimpjazzati l-bozoz."*

2. 09.05.2014 - **Renee Mercieca**, Advisor mal-Ministru Konrad Mizzi fir-rigward ta' *Human Resources* xehed hekk: *"Jiena qabel lil Ministru Mizzi kont nafu fir-Raba' Distrett ghax kont nahdem fil-Kampanja tieghu u kont nghinu fl-elezzjoni wkoll. Louis Attard jiena qatt ma iltqajt mieghu. Ir-rikorrent – il-Ministru Mizzi kien attwalment gie elett fuq id-Distrett tar-Raba' Distrett biss. ... Louis Attard qatt ma kien fil-Ministeru, qatt ma rajnieh fil-Ministeru, qatt ma semmejnieh fil-Ministeru, u qatt ma kellu l-ebda konnessjoni mal-Ministeru tar-rikorrent il-Ministru Konrad Mizzi...Louis Attard qatt ma ghen fl-ebda mod fil-kampanja elettorali. Mil-kariga illi ghandi u mill-informazzjoni li ghandi jien qatt ma kont infurmat illi Louis Attard kien 'liaison' mal-Ministeru ...Jiena nista' nikkonferma illi in vista ta' l-involviment tieghi fl-elezzjoni tar-rikkorent kont nafhom kollha l-canvassers li kellu r-rikorrent, u nista' nikkonferma illi Louis Attard ma kienx wiehed mill-canvassers tar-rikorrent...Qed nigi miltub jekk huwiex minnu illi attwalment Louis Attard kien il-liaison bay ic-Chairman's office u d-Distrett u l-Ministeru u kif ukoll mal-kumitati tal-Parti fi hdan id-Distrett – ir-Raba' Distrett dawr l-ilmenti illi kienu jidhlu kemm fil-Ministeru u kif ukoll fl-Enemalta : u nghid illi dana huwa skorrett u ma huwiex minnu."*

3. 08.06.2015 – L-istess xhud **Renee Mercieca** jgħid ukoll illi: *L-isem ta' Louis Attard u dwar jekk nafux nghid illi jiena dan l-isem tieghu sirt nafu fuq il-mezzi tax-Xandir meta issemma' fuq il-mezzi tax-Xandir, iżda qabel jiena dan Louis Attard la itlqajt mieghu u lanqas naf min hu. Fil-kampanja elettorali ta' Dr Konrad Mizzi jiena kont wiehed mill-helpers principali ta' Dr Konrad Mizzi, u allura jiena kont involut l-hin fil-kampanja elettorali tieghu. Fil-kampanja elettorali ta' Dr Konrad Mizzi Louis Attard ma kienx involut u lanqas kien b' xi mod jew iehor vicin jew qatt ikkomunika mal-Ministru Mizzi. Louis Attard ma kellu ebda rabta mal-Ministeru bl-ebda mod. Louis Attard jiena qatt ma kont nafu gewwa l-Ministeru ta' Dr Konrad Mizzi. U jien nghid illi Louis Attard qatt ma dahal fil-Ministeru ta' Dr Konrad Mizzi. U allura huwa skorrett li wiehed jghid li Louis Attard kien vicin hafna ta' Dr Konrad Mizzi...Louis Attard ma nafx illi qatt kellu xi rabta ma' xi entita` illi taqa' taht il-Ministeru ta' Dr Konrad Mizzi. Mill-Media lokali sirt naf illi Louis Attard huwa impjegat ta' l-Enemalta. Li nista' nghid huwa li Louis Attard ma kien ikoordina ebda xoghol ghal Ministru u ma kellu l-ebda direttiva biex jikkoordina xoghol ghall-Ministeru"*

*"... Gie allegat illi dan Louis Attard huwa persuna vicina hafna ta' Dr Konrad Mizzi imma nghid illi dan ma huwa minnu assolutament xejn, huwa skorrett. Louis Attard ma ghandu l-ebda funzjoni fil- Ministeru ta' Dr Konrad Mizzi. Jiena lil dan Louis Attard di vista ma nafux; qatt ma rajtu l-Ministeru u qatt ma iltqajt mieghu, u qatt ma rajtu ma' Dr Konrad Mizzi."*

4. 23.06.2014 - Ir-rikorrent **Konrad Mizzi** xehed hekk permezz ta' affidavit: "*Jien ħrigt u gejt elett mir-raba' dlstrett, Ii jikkompredi r-Rahal Gdid, Tarxien, Santa Lucia, Gudja, Hal Ghaxaq, parti mill-Fgura u parti mill-Marsa. Jekk Louis Attard ghandu xi konnessjonl ma' dawn I-irhula jien ma nafx biha. Minn verifiki Ii ghamilt irrizultali Ii huwa residenti il-Mosta. Irrid nghid ukoll Ii dan Louis Attard ma kien bl-ebda mod involut lil-kampanja biex jien nigi elett u fil-fatt lanqas qatt ma kien prezenti fl-ufficcju elettorali tieghi fi Triq il-Qalb ta' Gesu, ir-Rahal Gdid. Lanqas qatt ma kien prezenti mieghi waqt il-kampanja u anzi nzid ukoll li ianqas kien jassisti lil xi hadd fit-tim elettorali tieghi u ma nafx Ii qatt attenda ghal xi attivita tal-massa bhala parti mill-kampanja elettorali tieghi... Irrid nghid Ii jien qatt ma tajt struzzjonijiet biex ikun hemm liaison officer fuq kwistjonijiet bhal dawn, li jaqghu fil-kompetenza tal-Enemalta innifisha. Ninsab infurmat illi l-Enemalta, mbaghad ghandha ufficjal identifikat biex iservi ta' punt ta' referenza ghall-Kunsilli Lokali meta jkollhom bzonn ta' xi asslstenza mill-Korporazzjoni. Niddikjara u nenfasizza Ii Louis Attard ma kienx il-liaison Officer nominat, liema pozizzjoni mtliet minn persuna ohra...Sa fejn naf jien, Louis Attard qatt ma kien fl-ufficini tal-Ministeru gewwa l-Berga ta' Kastilja u jien ma kelli ebda kuntatt mieghu ... minn verifiki li ghamilt hareg li Attard ma ha ebda promozzjoni kemm ili nokkupa l-kariga ta' Ministru, izda ghall-kuntrarju, l-ahhar promozzjoni li ha kienet taht il-gvern preċedenti*"

5. 26.10.2015 – L-istess **Konrad Mizzi** xehed hekk *viva-voce*:

"*Dr. Peter Fenech: Inti qed tghid illi qabel l-elezzjoni ma kont tafu b' xejn lil Louis Attard?*

*Xhud : Jekk tghidli min hu u turini r-ritratt tieghu minhiex kapaci nidentifikah. Niltaqa' ma hafna nies jigifieri mhux ser nghidlek li qatt ma rajtu imkien, pero` bhala persuna ma niftakarx li ghandi assoccjazzjoni li huwa qrib tieghi ...jew li huwa liaison officer tal-Ministeru tieghi, zgur li le ...*

*Dr. Peter Fenech: U jekk nghidlek u nistaqsik jekk kienx wiehed minn dawn il-groups li kienu jduru mieghek fil-house visits x' tghidli?*

*Xhud : Zgur li le hundred percent.*

*Dr. Peter Fenech : Xi hadd li kien jippartecipa fl-attivitajiet politici tieghek?*

*Xhud : Zgur ma kienx organizer fl-activities tieghi hundred percent.*

*Dr. Peter Fenech : Ejja mmorru ghal wara l-elezzjoni. Avvicinak wara l-elezzjoni?*

*Xhud : Ma niftakarx li avvicinani...*

*Dr. Peter Fenech : Ara, qatt wassallek xi dokumenti wara l-elezzjoni Louis Attard?*

*Xhud : Ma niftakarx li qatt wassalli xi dokumenti; qed nghidlek lanqas ngharfu jekk narah; u fuq il-mistoqsija ta' qabel li staqsejtni inti – le qatt ma kien liaison officer tieghi; qatt ma kien responsabbli mill-bozozz min-naha tal-Ministeru at least; dawk huma responsabbilta` ta' l-Enemalta. L-unika liaison officer li hemm gewwa l-Enemalta huwa ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-Kunsill Lokali u dan il-persuna ma huwiex Louis Attard...*

*Xhud : Jiena staqsejt lil nies tal-customer care iva, ghedtilhom "dan il-persuna min hu?" first of all, ghax lanqas kont naf min hu; bdejt minn hemm hekk. Number 2, ghedtilhom x' gara? Kien sospiz. Ikkonfermajt. X' kien jaghmel bhal role, iva staqsejthom; u kkonfermajt li huwa kien impjegat ta' l-Enemalta u mhux tal-Ministeru. Ma kienx liaison officer tal-Ministeru kif intqal ....*

*Dr. Peter Fenech : Iva, imma l-mistoqsija tieghi kienet ftit differenti. Inti ivverifikajt li hadd minn dawn il-persuni, inti semmejtli il-customer care, jiena wessajthielek ftit iktar ghal position of trust? …*

*Xhud : Iva ivverifikajt .*

*Dr. Peter Fenech : Hadd minnhom ma kien ta l-ebda responsabbilta` lil Louis Attard?*

*Xhud : Le...*

*Dr. Peter Fenech: Ha nohroglok issa minn l-ambjent politiku ghal dawk li huma Kazini jigifieri. Jien qed nistaqsik jekk Louis Attard barra minn xi kazin politiku qatt iltaqa' mieghek. Qattx kien go laqgha fejn inti kont prezenti.*

*Xhud : Ara, ma niftakarx li qatt iltqajt ma' Louis Attard. Jekk kien f' kamra fejn kont hemm jiena u ghedtlu 'hello' ma nistax nghidlek iva jew le. Pero` qatt ma kelli discussions fuq responsabbiltajiet mieghu hundred percent. Qatt ma tatju instructions biex jaghmel – biex jaqdini fuq certu affarijiet hundred percent, jew in-nies tieghi. Jigifieri hemm hekk nista' nghidlek zgur li ma kienx parti mit-team tieghi, ma kienx parti mill-campain tieghi, ma kienx parti min-nies li organizzawli l-campain; u kelli numru ta' nies u ghandi l-lista taghhom. Jigifieri nassigurak li m' hemmx – ma kien hemm l-ebda rabta ma' Mr Attard u jiena."*

6. 14.07.2014 – **Fredrick Azzopardi**, dak iż-żmien Kap Esekuttiv tal-Enemalta xehed *inter alia* kif ġej: *"jiena Kap Ezekuttiv ta' l-Enemalta li hija kariga li ili inkopri mill-ewwel (1) ta' Jannar ta' din is-sena 2014 ... Dwar il-persuna Louis Attard li dwaru qed jinghad illi kien il-liaison Officer involut fl-Enemalta : nghid illi llum il-gurnata dan Louis Attard huwa sospiz. Meta jiena dhalt fl-inkarigu Louis Attard kellu l-kariga ta' Head of Accounts. Ninsab infurmat ukoll illi din il-kariga kienet inghatat lilu jekk ma nizballjax minn Jannar 2013. F' Jannar 2013 li naf bic-cert huwa li Louis Attard inqaleb b' kuntratt indefinittiv. Li gara huwa li f' Jannar 2013 kien hemm diversi persuni illi kellhom il-kuntratt taghhom kien ghadu ma inghalaqx, fosthom Louis Attard, u l-kuntratt taghhom gie imgedded b' rizultat illi spiccaw illi kellhom il-post taghhom indefinit fi hdan l-Enemalta...Mitlub nghid jekk jiena naf jekk Louis Attard kienx qatt lisason officer bejn il-Ministru u l-Enemalta : nghid illi jiena ma nafux dan. Jekk kellix indhil min-naha tal-Ministru Konrad Mizzi jew le fuq l-investigazzjonijiet jiena nghid anzi bil-maqlub, kelli mano libera sabiex naghmel dak kollu li kien necessarju sabiex issir l-investigazzjoni kollha, u ghadha sallum."*

7. 18.01.2016 – L-istess xhud **Fredrick Azzopardi** xehed hekk:

*"Xhud : Jien bazikament kif ghedt fil-bidu, jien dhalt fl-Enemalta Jannar 2014. Louis Attard spicca jew gie sospiz minn l-Enemalta approximately lejn l-10 – 11 –12 ta' Frar, f' dak l-ilma. Jigifieri Louis Attard ftit li xejn iltqajt mieghu,*

*imma Louis Attard kien il-grad tieghu bhala …accounts, u iva, gie li nircievi xi emails ta' xi persuna li forsi jew trid li ndahhlu s-servizz, jew ilha tikomplejnja ma' l-Enemalta, u mhux l-ewwel darba nahseb li f' dawk il-hames ġimghat forsi ghaddjetlu minn kaz – tnejn, l-iktar forsi tlieta peress il hu kien anke midhla ta' l-Enemalta, wiehed mill-processi...jekk ghaddejtlu xi zewg kazijiet – tliet kazijiet li qed nghid biex nipprova bhal ma nghaddi lil hafna nies internament, - isma' ghandna dan il-kaz, hemm dan il-konsumatur qed jikkomplejnja ara x' irid forsi naqduh. Jigifieri ma kellu l-ebda, almenu min-naha tieghi, b' xi mod trattat u ma kelli l-ebda indikazzjoni li kien involut jew kellu xi link jew li qed jaqdi lil xi hadd partikolari...*

*Dr Aaron Mifsud Bonnici : Issa bil-kontra, min-naha tal-Ministeru in segwitu ghal din l-investigazzjoni kellek xi inputs specifiku ghal rigward Louis Attard fis-sens illi ghandek titrattah b' mod differenti?*

*Xhud : Assolutament, jiena l-instructions li dejjem ..*

*Dr Aaron Mifsud Bonnici : Assolutament le.*

*Xhud : Le. L-instructions li dejjem kelli, l-instruction li dejjem kelli mill-Ministru ovvjament biex ma nharisx lejn ucuh. Mhix kwistjoni ta' Louis Attard. Il-Ministru dejjem jghidli b' mod generali - isma' ma nharsux lejn ucuh fejn jidhol – f' kollox, partikolarment fejn jidhol serq ovvjament."*

8. 03.02.2015 – **Louis Attard** xehed hekk:

"*Dr Peter Fenech : Sur Attard il-Ministru Konrad Mizzi tafu?*

*Xhud : Nafu minn wiccu meta kien jahdem l-Enemalta.*

*Il-Qorti : Jigifieri qabel ma' kien Ministru.*

*Xhud : Ehe da zghur qabel ma' kien Ministru kien jahdem l-Enemalta.*

*Il-Qorti : U qabel ma kien fil-politika?*

*Xhud : Ezattament. Qatt ma kellimtu jigifieri, imma ..*

*Dr Peter Fenech : Meta kien il-Ministru Mizzi ddikjara li kien ser jikkontesta l-elezzjoni ghal parlament Malti, jigifieri qed nitkellmu qabel l-elezzjoni f' dan l-istadju, inti kellek xi opportunitajiet illi tkun prezenti f' xi affarijiet organizzati minnu jew minn nies minn ta' madwaru?*

*Xhud : Qatt...*

*Dr Peter Fenech : Inti kellek xi relazzjoni ..?*

*Xhud :Mal-Ministru ma ghandux x' jaqsam.*

*Dr Peter Fenech : Le mhux mal-Ministru ..*

*Xhud : Gieli talabni xi hadd imma mhux il-Ministru jigifieri.*

*Dr Peter Fenech : Tajjeb, mela ghidli. Jiena mhux fuq il-Ministru qed nistaqsik f' dan l-istadju, qed nistaqsik fuqek. Gie li talbek xi hadd? ...*

*Xhud: Daqqa is-CEO. Dan anke qabel kienu jsiru jigifieri.*

*Dr Peter Fenech : Ma jimpurtax. Mhux dik il-mistoqsija*

*Xhud :..... fl-amministrazzjoni l-ohra*

*Il-Qorti : U x' kienu jistaqsuk biex taghmel?*

*Xhud : Per ezempju applikazzjoni biex ihaffuha ghal new services hekk, u affarijiet hekk. Issa dan qed isemmi bozza. Gieli bozza ...*

*Il-Qorti : U ghaliex kienu jkellmu lilek? Kienu jkunu tahtek dawn l-applications?*

*Xhud : Le le mhux tahti. Biex nghinhom ..*

*Il-Qorti : Biex tifhem il-Qorti; kif kont tghinhom? X' kont taghmel?*

*Xhud : Incempel.*

*Il-Qorti : Kont iccempel lil min qed jiehu hsieb l-applications ..*

*Xhud : Biex inkunu nistghu inhaffuha. Dik.*

*Dr Peter Fenech : Ghalfejn is-CEO kien icempel lilek jekk joghgbok?*

*Xhud : Jien "gieli" qed nghid mhux qed nghid dejjem ..*

*Dr Peter Fenech : Gieli. Jien ma ghedtlekx li dejjem jiena.*

*Xhud : Ghax jien ma stajtx. Kif ghedtlek bix-xoghol li kelli ma stajtx inzid izjed ma' li kelli.*

*Il-Qorti : Sur Attard qed tipprova tifhem il-Qorti. Ghaliex kienu jaghmlu telefonati lilek u mhux per ezempju lil xi hadd iehor?*

*Dr Peter Fenech : Fid-Dipartiment responsabbli per ezempju ...*

*Xhud : Issa ma nafx ghaliex kienu icemplu lili...*

*Dr Peter Fenech : Allura tispjega lill-Qorti min kien ifittxek? Apparti s-CEO. apparti s-CEO, issa dak ga semmejtulna; min aktar kien ifittxek ghal dawn l-affarijiet li jkollhom bzonn nghidu ahna mhux ta' kuljum imma li jkollhom bzonn barra minn normal min kien ifittxek?*

*Xhud : Gieli anke c-Chairman...*

*Il-Qorti : Jigifieri minn Ministeri ohra kienu jcemplulek?*

*Xhud : Le lanqas minn Ministeri.*

*Il-Qorti : Le.*

*Dr Peter Fenech : U mill-Ministeru ta' … stess*

*Xhud : Le le qatt mill-Ministeru qatt...*

*Dr Peter Fenech : ... qed nistaqsik in-nies kienu jfittxuk ghal xi raguni? Qabel uzajt il-kelma 'tippresta' forsi ma kontx …forsi ma fhimtnix allura ser inbiddilha dik il-kelma. In-nies kienu jigu ghandek ghal xi raguni?*

*Xhud : Ghax il-karattru tieghi li nghid. Jigifieri kont naghmilha anke fl-amministrazzjoni l-ohra din jien; ma nafx 'il ghala...*

*Dr Peter Fenech : Qed nitkellem Enemalta taqsam distretti. Il-mistoqsija tieghi kienet l-ghajnuna li kienet tintalab kienet koncentrata f' xi area partikolari? Ara jekk tiftakarx*

*Xhud : Le ma kinetx ...*

*Dr Peter Fenech : Ma tafx. Hawnhekk hawn ukoll ghadni kemm qrajtlek - persuna qrib il-Ministru. Inti tichdu dan?*

*Xhud : Da zgur li nichdu lanqas qatt ma kellimtu jekk hekk lill-Ministru jien."*

22. Mill-assjem ta' dawn il-provi ħareġ ċar illi ma' teżisti l-ebda relazzjoni, kemm fuq bażi ta' politika u anke fuq livell ta' xogħol, bejn Louis Attard u r-rikorrent Konrad Mizzi. Diversi xhieda fosthom Roberto Cristiano (Executive Director Human Resources – Enemalta), Renee Mercieca (Advisor mal-Ministru Konrad Mizzi fir-rigward ta' *Human Resources*) u Fredrick Azzopardi (dak iż-żmien Kap Eżekuttiv tal-Enemalta) apparti r-rikorrent innifsu u Louis Attard ikkonfermaw dan il-punt b'mod li ma' jħalli l-ebda dubbju għall-Qorti.

23. Huwa vera illi Louis Attard kien ħaddiem li jgawdi ċertu fiduċja fl-ogħla strati tat-tmexxija tal-Enemalta, tant illi f'numru ta' drabi huwa kien jitqabbad (kemm mic-*Chief Executive* u kemm mic-*Chairman* innifsu) biex jiffaċilita u jħaffef ċertu applikazzjonijiet (a propożitu, il-Qorti m'hijiex ser tidħol fuq il-legalita' o meno jew l-etika ta' dan ix-xogħol li kien jiġi delegat lilu, għaliex mhuwiex kompitu neċessarju għall-iskop ta' din il-kawża). Però dan bl-ebda mod ma' jfisser illi kien hemm xi relazzjoni bejn Attard u r-rikorrent.

24. Fir-rigward tal-asserzjoni magħmula mill-intimat illi l-Pulizija tellgħu lil Louis Attard il-Qorti fuq akkużi inqas serji biex jeħel inqas minn ħaddieħor inġiebu l-provi segwenti:

    1. 06.11.2017 – **Frederick Azzopardi** xehed dwar l-investigazzjonijiet u l-passi meħuda kontra l-impjegati u konsumaturi involuti fl-iskandlu tat-tbagħbis tal-ismart meters:

*"Ix-Xhud: Mela kif kont ghidt, kellna suspett fi tnejn, tlieta min-nies li kienu qeghdin involuti huma, iwahhlu l-ismart meters, u jbaghbsu l-ismart meters, first and foremost Pantalleresco, Richard Gauci kif ukoll certu Emanuel Fenech. Dawn ġew sospizi fil-11 ta' Frar ta' 2014 u hawnhekk qed nipprezenta wkoll id-dokumentazzjoni li bghatna fejn qed nghidulhom li qed nissospenduhom per ezempju, fejn jidhol Paul Pantalleresco qed nghidu wkoll qed nipprezenta li wkoll kien tkecca b'decizjoni tal-bord la darba kien instab hati. L-istess ta' Richard Gauci u Manuel Fenech. Dak kien 11 ta' Frar 2014...*

*Issa rigward Louis Attard, Alan Cachia, Anthony Mifsud, Edward Camilleri u Anthony Pace, dawn kollha gew sospizi on the 12th. Dawn huma haddiema illi ma jinstallawx il-meters imma huma haddiema li kellhom il-meter imbaghbas, bhalma kien Louis Attard. U kollha gew sospizi...*

*Dr Peter Fenech: .... Ha nistaqsik mistoqsija ohra, qed nigbidlek l-attenzjoni illi dawn l-impjegati kollha, kollha gew rinfaccati b'sebgha akkuzi, sebgha charges... sebgha akkuzi tajjeb... qed naghmel referenza għal Richard Gauci, Paul Pantalleresco, Carmel Vella, Manuel Micallef, Anthony Mifsud, Anthony Pace, Robert Muscat, Melvin Cucciardi, Louis Attard, u jien jidhirli li hawn hdax biex inkun onest... dawn gew kollha ri-infaccati bl-istess akkuzi, sebgha akkuzi u Louis Attard, li lkoll nafu li huwa mpjegat maghkom ukoll fuq dik il-lista, ukoll fil-kwerela li inti stess ghaddejtilna llum, wiehed minn dawk lerbgha... wiehed minn dawk l-erbgha ghax int ghaddejtilna tlieta... u erbgha... jigi ri-infaccat b'erbgha akkuzi. Inti kont taf biha din? Jew sirt taf wara biha din?*

*Ix-Xhud: Le jien ma kontx... jien ma nafx biha imma Sur Magistrat, li nista' nghid qed inhalltu u forsi ghalhekk, skuzani ma spjegajtx ruhi sew fil-bidu. Mela t-tliet persuni li semmejt propju Antonio, Emanuel u Richard Gauci dawk huma tliet persuni li apparti li huma haddiema, dawk huma the actual persons li installaw. Hemm imbaghad persuni ohra mill-lista li semma' l-avukat, li bieghu is-sistema sa fejn naf jien... li jiena m'inhix a konoxxenza, li Louis Attard b'xi mod kien involut f'xi bejgh ta' meters jew tas-sistema.*

*Dr Peter Fenech: Nahseb li m'ghandekx ghalfejn tidhol fid-dettall ghax l-ispjegazzjoni tieghek mhux korretta Ghaliex fil-lista li tajtni inti stess, illum... illum hemm persunii ma kinux wiehed minn dawk it-tlieta igifieri qed nirreferi ghal dak il-grupp fejn hemm Louis Attard ta' erbgha u dak ukoll gie ri-infaccat b'sebgha akkużi mhux erbgha. Imma issa dik jispjegaha l-pulizija... xejn aktar" ...*

*Xhud: ic-charges jien, Sur Magistrat, il-persuni li kieu tat-12 ta' Frar, huma persuni li ghamlu ferm iktar milli ghamel Louis Attard. Ghaliex Louis Attard kellu s-sistema tieghu mbaghbsa. Tat-12 ta' Frar, apparti li kellhom is-sistema taghhom imbaghbsa, huma persuni li bieghuha s-sistema. Niskuza ruhi jekk ma spjegajtx ruhi sew...*

*Dr Aaron Mifsud Bonnici: Jekk fhimtek sewwa allura mill-kummenti tieghek, l-ghazla tac-charge kienet xi haga f'idejn l-Enemalta jew le?*

*Ix-Xhud: Assolutament le.*

*Dr Aaron Mifsud Bonnici: U apparti minn hekk, inti xi hadd intervjena mieghek jew ma' ufficcjal tieghek ghar-rigward l-ghazla tac-charges. Qed nirreferi mhux ghall-pulizija, imma qed nirreferi ghal xi direzzjoni forsi anke politika, ha nkunu cari...*

*Ix-Xhud: Sur Magistrat, din ghidtha l-ahhar darba u ha nkun car. Jien indhil politiku ma naccettax. Igifieri gia' ghidtha l-ahhar darba u jekk xi hadd jakkuzani li b'xi mod kelli ndhil politiku fuq din hliftha l-ahhar darba u nahlifha llum. Hadd lili ma' jindahalli kontra min niehu azzjoni u kontra min ma nihux jew c-charges haga jew ohra, bl-ebda mod assolutament...*

*Ix-Xhud: Bord tal-Enemalta jiddahhal... jidhol meta persuna tinstab hati. Infatti prezentajt ta' Paul Pantallersco meta ammetta u l-Bord wasal biex kecca l-persuna. Igifieri bhala bord tal-Enemalta ma kienx involut b'xi mod fl-ebda decizjoni rigward l-investigazzjoni. L-investigazzjoni tmexxiet minni u mit-tim tieghi tal-management u fl-ebda hin ma tajna instructions jew direzzjoni lill-pulizija. Ahna biss tajna l-informazzjoni kollha li kellna.*

*Dr Joe Zammit Maempel: Igifieri l-mahfra... l-amnestija, ma nafx x'se nghidulha, dik kienet deċiżjoni tal-Ministeru jew tal-Bord tal-Enemalta?*

*Ix-Xhud: L-Enemalta ma taqax taht ir-remit tal-mahfra. Ma taghtix mahfriet. L-unika mahfra li kien hemm... issemmiet li l-gvern hareg mahfra ghal min jaghti l-informazzjoni. Li hemm il-ligi tal-Enemalta taghti l-poter lic-Chairman li jekk ikun hemm kazijiet fejn nistghu naslu out of court, fejn jidhol serq ahna naslu out of court. Kieku naghmel check, jiena kemm ili hemm jiena, ghamilt iktar minn elfejn agreement out of court fejn jidhol serq tal-elettriku."*

2. 27.06.2016 – L-Ispettur **Matthew Vella** mill-Economic Crimes Unit ta' rendikont (u esebixxa dokument f'dan ir-rigward) ta' min kienu l-persuni li tressqu l-qorti akkużati bi tbagħbis ta' smart meters mis-sena 2014 'il quddiem u tal-akkużi li ġew dedotti fil-konfront ta' kull persuna li ġiet akkużata. Huwa *inter alia* xehed illi d-dokument li esebixxa jikkonċerna "*sitt (6) persuni li l-kawża tagħhom inqatgħet bejn l-2014 u l-2016, u għoxrin (20) persuna li l-kawża għadha subgudice. Minn dawn għandna ħdax-il persuna (11) li kienu impjegati ta' l- Enemalta, u ħmistax (15) li kienu l-konsumaturi ta' l-Enemalta".*

3. 08.05.2017 – L-istess xhud Spettur **Matthew Vella** kompla jelabora u xehed kif ġej:

*"Xhud: Ic-charges kif diga` spjegajt f' din il-kawza kienu inhargu minn l-eks Spetturi Daniel Zammit u Roderick Zammit*

*Dr Peter Fenech: Issa jien ghamilt daqsxejn ta' analizi ta' dak li gie esebit hemmhekk, u l-analizi tieghi kkoncentrajtha naturalment fuq il-parti li tikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza li kienet l-impjegati ta' l-Enemalta. L-impjegati ta' l-Enemalta minn dak il-faxxikolu jirrizultaw li kienu ghaxra (10), ok? L-impjegati ta' l- Enemalta kienu Richard Gauci, Paul Pantalleresco, Carmel Vella, Emanuel Micallef, Anthony Mifsud, Anthony Pace, Abraham Muscat, Marvin Cucciardi, Louis Sant, Louis Attard. Issa l-mistoqsija tieghi hija din : inti, jidhirli li dak esebejtu inti stess dak id-dokument Irrejalizzajt Spettur li ghal disgha minnhom, disgha minn ghaxra. Disgha minn ghaxra. Mela l-ewwel disgha minn l-ghaxar ismijiet li ghadni kemm iccitajt biex ma nergax nirrepetihom, minn Richard Gauci sa Louis Sant, dawn kellhom sitt akkuzi, skuzani, seba' akkuzi. Ic-chart sheets huma kollha l-istess. Ghandhom seba' akkuzi. Dak ta' Louis Attard – mela l-ghaxar persuna li qed naghmel referenza ghaliha ghandu erba' akkuzi. F' pozizzjoni tispjega lill-Qorti ghaliex gara dan?*

*… Xhud: Jiena minhiex f' pozizzjoni li nghid x' kienet ghal liema raguni nharget hekk l-akkuza ghaliex kif ga spjegajt jiena ma kontx parti mit-team ta' prosekuzzjoni ta' dak iz-zmien…*

*Dr Aaron Mifsud Bonnici: Ok Spettur; ara l-kollegi tieghi ghamlu enfasi fuq in-numru, sewwa? Li hemm wiehed ghandu sitta charges u l-iehor erbgha. Jien*

*qed nistaqsik fuq il-kontenut. Ha nissuggerilek illi Louis Attard kellu charges inqas ghaliex hu ma bieghx din is-sistema ta' tbaghbis lil terzi izda ibbenefika minnha hu personalment, filwaqt illi l-impjegati l-ohrajn apparti li setghu ibbenefikaw personalment bieghu wkoll din is-sistema lil terzi u allura ta' dan inghataw charges ulterjuri ...*

*Xhud: Tista' tkun wahda mir-ragunijiet."*

25. Il-Qorti fliet sew id-dokumenti ppreżentati minn dawn iż-żewġ xhieda. Jirriżulta illi Louis Attard kien tressaq il-Qorti fit-12 ta' Awwissu 2014 bħala wieħed minn grupp ta' sittax-il persuna (impjegati u konsumaturi). Numru ta' persuni oħra tressqu iktar qabel inkluż tlett ħaddiema li tressqu fl-14 ta' Frar 2014 li kienu huma nfushom li installaw u biegħu l-meters imbagħbsa filwaqt li diversi persuni oħra inkluż ħaddiema tressqu iktar wara, sa' kmieni fis-sena 2015.

26. L-akkużi li nħarġu lill-grupp tal-ewwel tlett ħaddiema li mhux biss serqu d-dawl imma anke biegħu u installaw il-meters imbagħbsa fil-qosor kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. **Korruzjoni bħala uffiċjal pubbliku taħt l-Art 115(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali**: "*bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, Ii għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak Ii hu fid-dmir tieghu Ii jagħmel*".

   Piena erogabbli: <u>minn sena sa' tmien snin ħabs u interdizzjoni ġenerali perpetwa u/jew interdizzjoni ġenerali speċjali (Art. 119)</u>

2. **Bħala uffiċjal pubbliku esiġa l-flus kontra l-liġi taħt l-Art. 112 tal-Kodiċi Kriminali ("konkussjoni")**: "*bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala mpjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd Ii jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiġa dak Ii l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak Ii tippermetti l-ligi, jew qabel iż-żmien Ii jmiss skont il-liġi*

Piena erogabbli: minn tlett xhur sa' sena ħabs u interdizzjoni ġenerali temporanja u/jew interdizzjoni speċjali temporanja (Art. 119)

3. **Serq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku taħt l-Art. 127 tal-Kodiċi Kriminali:** *"bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu*

   Piena erogabbli: minn sentejn sa' sitt snin ħabs u interdizzjoni ġenerali perpetwa

4. **Frodi b'qerq taħt l-Art. 308 tal-Kodiċi Kriminali:** *"b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qligħ għal-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.3 7) għad dannu tal-korporazzjoni Enemalta;*

   Piena erogabbli: minn sena sa' seba' snin ħabs

5. **Qerq ieħor taħt l-Art. 309 tal-Kodiċi Kriminali:** "*bi ħsara ta'ħaddieħor għamel qligħ ieħor b'qerq għall-valur li jaqbeż elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.3 7) għad dannu tal-korporazzjoni Enemalta*

   Piena erogabbli: minn xahrejn sa' sentejn ħabs jew multa

6. **Talba għall-ħruġ ta' ordni temporanja tal-iffriżar tal-assi tal-akkużat taħt l-Art. 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali *pendente lite***

7. **Talba sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti tordna l-konfiska ta' dawk l-assi tal-ħati li jkunu ġew akkwistati minn attività kriminali taħt l-Art. 23B tal-Kodiċi Kriminali**

27. L-akkużi li nħarġu kontra ħaddiema oħra li però **ma' kienux installaw u biegħu l-l-*ismart meters* imbagħbsa,** senjatament fil-konfront ta' Carmel Vella (li tressaq fil-5

ta' Marzu 2014), Anthony Mifsud (li tressaq fl-1 ta' April 2014) u Anthony Pace (li tressaq fil-15 ta' April 2014) kienu **identiċi** (u fil-każ ta' Pace kien hemm ukoll l-akkuża tas-serq aggravat bil-valur) għall-akkużi maħruġa kontra t-tlett impjegati l-oħra li kienu ukoll installaw u biegħu l-i*smart meters* u dan kontra dak li spjega l-Kap Eżekuttiv tal-Enemalta ta' dak iż-żmien Frederick Azzopardi.

28. Sussegwentement fit-12 ta' Awwissu 2014 tressqu żewġ impjegati oħra li ukoll ma' kienux installaw u biegħu l-i*smart meters* imbagħbsa. Dawn kienu Alan Cachia u appuntu Louis Attard. Fil-konfront ta' dawn iż-żewġ persuni, l-akkużi li nħarġu kienu s-segwenti:

1. **Korruzjoni ta' uffiċjal pubbliku taħt l-Art 115(1)(c) u Art. 120(1) tal-Kodiċi Kriminali**: "*ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, Ii għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak Ii hu fid-dmir tieghu Ii jagħmel*".

   Piena erogabbli: <u>bħala kompliċi daqs il-piena erogabbli għall-prinċipal ossia għall-piena ta' bejn sena u tmien snin ħabs u interdizzjoni ġenerali perpetwa u/jew interdizzjoni ġenerali speċjali (Art. 119)</u>

2. **Korruzzjoni ta' u kompliċita ma' uffiċjal pubbliku li esiġa l-flus kontra l-liġi taħt l-Art. 112 tal-Kodiċi Kriminali ("konkussjoni")**: "*ikkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd Ii jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiġa dak Ii l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak Ii tippermetti l-ligi, jew qabel iż-żmien Ii jmiss skont il-liġi*"

   Piena erogabbli: <u>bħala kompliċi daqs il-piena erogabbli għall-prinċipal ossia għall-piena ta' bejn tlett xhur u sena ħabs u interdizzjoni ġenerali temporanja u/jew interdizzjoni speċjali temporanja (Art. 119)</u>

3. **Korruzzjoni ta' u kompliċita ma' uffiċjal jew impjegat pubbliku li jisraq taħt l-Art. 127 tal-Kodiċi Kriminali:** *"ikkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu*

   Piena erogabbli: <u>bħala kompliċi daqs il-piena erogabbli għall-prinċipal ossia għall-piena ta' bejn sentejn u sitt snin ħabs u interdizzjoni ġenerali perpetwa</u>

4. **Serq aggravat bil-mezz u l-valur taħt l-Artikoli 261. 263 u 267 tal-Kodiċi Kriminali.**

   Piena erogabbli: <u>minn għaxar xhur sa' tlett snin ħabs</u>

29. Minn din id-distinzjoni jirriżulta illi għalkemm verament Louis Attard (flimkien ma' impjegat ieħor) kien tressaq taħt akkużi li ma' jirriflettux li huwa kien ukoll uffiċjal pubbliku, dan in-nuqqas ma' kienx ser iwassal għal piena inqas peress illi f'dan il-każ il-piena għall-kompliċita hija l-istess piena applikabbli għall-istess aġir imwettaq minn uffiċjal pubbliku.

30. Li jirriżulta tabilħaqq lill-Qorti huwa illi fil-konfront ta' Louis Attard (u impjegat ieħor) ma' kienux inħarġu l-akkużi ta' frodi u qerq u lanqas ma' kienu saru talbiet għall-ħruġ ta' ordni temporanja tal-iffriżar tal-assi u tal-eventwali konfiska f'każ ta' ħtija. Madanakollu kemm Louis Attard u kemm l-impjegat li tressaq fl-istess ġurnata miegħu t-tnejn tressqu b'akkuża li ma' kienux ġew akkużati biha l-impjegati li kienu tressqu qabel, u ċioe l-akkuża ta' serq aggravat bil-mezz u bil-valur.

31. Jirriżulta ukoll lill-Qorti illi sussegwentement tressqu tlett impjegati oħra fit-28 ta' Jannar 2015 (**allura wara li saret ix-xandira mertu ta' din il-kawża)** li ukoll ma' kienux installaw jew biegħu l-i*smart meters* imbagħbsa. Dawn l-impjegati (Abraham Muscat, Lewis Sant u Marvin Cucciardi) però, b'differenza għaż-żewġ impjegati ta' qabel (i.e. Louis Attard u Alan Cachia) tressqu bl-istess akkużi li kienu tressqu l-ewwel impjegati u addirittura fil-każ ta' tnejn minnhom anke tressqu bl-akkuża li għamlu ħsara fil-meter tad-dawl.

32. Finalment jirriżulta lill-Qorti illi fit-12 ta' Awwissu 2014 (fl-istess ġurnata li tressaq Louis Attard) tressqu numru kbir ta' persuni li ma' kienux impjegati mal-Enemalta.

Fil-każijiet kollha (barra wieħed) dawn tressqu bl-istess akkużi li tressaq bihom Louis Attard (u Alan Cachia).

33. Minn dan kollu l-Qorti tikkonkludi illi għalkemm mad-daqqa t'għajn verament Louis Attard bħala impjegat kien tressaq b'akkużi inqas serji peress li ma' kienx tressaq bħala uffiċjal pubbliku, **madanakollu l-akkużi li tressaq bihom (kompliċita) kienu jġorru l-istess piena bħall-akkużi li tressqu bihom dawk il-persuni li kienu tressqu bħala uffiċjali pubbliċi.** L-unika distinzjoni vera li kien hemm kienet dik illi fil-każ ta' Louis Attard ma' kienetx saret talba għall-ħruġ ta' ordni temporanja tal-iffriżar tal-assi u lanqas ma' kienet saret talba għall-eventwali konfiska tal-assi fil-każ ta' ħtija. Pero' dawn strettament ma' kienux parti mill-akkużi (iżda talbiet addizzjonali mill-Prosekuzzjoni) u ma' kienx Louis Attard biss li bbenefika iżda kien hemm ukoll impjegat ieħor.

34. Għalhekk jirrizulta b'mod ċar lill-Qorti illi l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti mressqa mill-intimat f'din il-kawża ma' tistax tintlaqa għaliex Louis Attard la' kien viċin ħafna tar-rikorrent (filfatt ma' kien viċin xejn tiegħu) u lanqas ma' kien il-każ li l-Pulizija tellgħuh il-Qorti fuq akkużi inqas serji biex jeħel inqas minn ħaddieħor.

**Kumment ġust (*fair comment*) u malafama lir-rikorrent**

35. L-intimat jisħaq illi d-dikjarazzjonijiet li għamel waqt ix-xandira televiżiva jikkonsistu f'*fair comment*. Filfatt għall-fini ta' din id-difiża f'azzjoni ta' malafama, filwaqt li mhuwiex meħtieġ li tiġi ppruvata l-verità tal-fatti, jeħtieġ li jintwera illi l-kummenti ġew xprunati minn fatti li huma sostanzjalment veri. Madanakollu l-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ għandha tindirizza qabel xejn jekk il-kummenti kienux indirizzati direttament lir-rikorrent jew għandhomx jiftehmu li kienu qed jirreferu għalih.

36. Mill-provi li tressqu quddiema l-Qorti diġà kkonstatat illi ma' kienx korrett l-intimat meta ddikjara illi Louis Attard huwa viċin ħafna tar-rikorrent tant illi l-Pulizija tellgħuh il-Qorti fuq akkużi inqas serji biex jeħel inqas minn ħaddieħor

37. Issa l-Qorti trid tara però jekk nonostante illi din id-dikjarazzjoni kienet skorretta (u dwarha d-difiża ta' *fair comment* strettament ma' tistax treġi) kienetx ukoll malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

38. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**<u>Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et</u>**.' (App. Civ. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):

*"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjita` ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tiegħu"*

39. Ġie stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana[4] u anke dik Ingliża illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed għandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph**[5]:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

40. Il-Qorti tikkunsidra li d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-intimat ma' ġewx immirati direttament lir-rikorrent iżda kienu iżjed kritika b'mod ġenerali lejn il-Gvern. Ċertament dak li jingħad fl-ewwel paragrafu, ċioe' illi l-Gvern jindaħal fil-kors tal-ġustizzja, m'għandux jittieħed bħala li l-intimat kien qed jirreferi speċifikament għar-rikorrent bħala li kien hu li ndaħal fil-kors tal-ġustizzja, anke jekk ir-rikorrent fehma b'dak il-mod. Fit-tieni paragrafu l-kritika hija pjuttost indirizzata kontra l-Pulizija illi, fi kliem l-intimat, aġevolaw lil persuna qrib tal-Ministru sabiex teħel inqas minn ħaddieħor. Biex tkun ċara l-Qorti, m'huwiex eskluż illi bniedem ta' intelliġenza ordinarja jista' jkun li jifhem il-kliem tal-intimat bħala li kien il-Ministru li ndaħal biex jgħin lil persuna qrib tiegħu. Madanakollu din l-*innuendo* m'hijiex b'saħħitha biżżejjed sabiex il-Qorti ssib, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, illi l-kliem kienu intiżi sabiex jwaqqgħu r-reputazzjoni u l-ġieħ tar-rikorrenti, anke jekk

[4] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (Rif Nru 947/1997/2 deciza fid-19 ta' April 2005)
[5] [1964] A.C. 234, 258.

finalment *the basic facts* (ċioe li Louis Attard ma' kienx viċin tal-Ministru u ma' kienx ġie aġevolat b'akkużi inqas serji) kienu skorretti. Dan jingħad iżjed u iżjed għaliex r-rikorrent bħala figura pubblika kellu jkun suġġett għal kritika anke ħarxa u kellu jaċċetta marġini ferm iktar wiesa ta' kritika u skrutinju minn dik li għandha tittolera persuna privata.

41. Kif intqal mill-Prim' Awla tal Qorti Ċivili fis-sentenza **John Dalli v. Gino Cauchi**, (Ċit. Nru. 2448/00 deċiża 09.10.2002):

*"għar-rigward ta' persuna fil qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l liġi tal istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, ażżardat u wiesgħa u ċirkoskritt biss minn prova ta' ħażen jew infodatezza tal-fatt imsemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha."*

42. Il-Qorti ma' tqisx għalhekk li l-pubblikazzjoni fit-totalità tagħha hija malafamanti fil-konfront tar-rikorrent anke jekk l-intimat kien skorrett fl-asserzjonijiet tiegħu.

**Deċiżjoni**

43. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur